

Brussell, 19 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11295/18

VISA 197
FRONT 240
COWEB 115
JAIEX 83
COMIX 418

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Lulju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 543 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Aġġornament dwar l-implimentazzjoni tal-punti ta' riferiment li fadal tal-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża mill-Kosovo*, kif deskritt fir-raba' rapport ta' progress tal-4 ta' Mejju 2016

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 543 final.

Mehmuż: COM(2018) 543 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.7.2018
COM(2018) 543 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Aġġornament dwar l-implimentazzjoni tal-punti ta' riferiment li fadal tal-pjan
direzżjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża mill-Kosovo^{*}, kif deskritt fir-raba' rapport
ta' progress tal-4 ta' Mejju 2016**

^{*} Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Aġġornament dwar l-implimentazzjoni tal-punti ta' riferiment li fadal tal-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża mill-Kosovo*, kif deskritt fir-raba' rapport ta' progress tal-4 ta' Mejju 2016

I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea nediet djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża mal-Kosovo fid-19 ta' Jannar 2012, li jkopri erba' oqsma ewlenin (Sigurtà tad-Dokumenti; Fruntieri/Konfini u Ġestjoni tal-Migrazzjoni; Ordni Pubblika u Sigurtà; Drittijiet Fundamentali relatati mal-Libertà ta' Moviment). Fl-14 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni ppreżentat pjan direzzjonali lill-Kosovo, li identifika l-miżuri leġiżattivi kollha u miżuri oħrajn li jeħtieġ li jiġu adottati u implimentati mill-Kosovo fil-qafas tad-djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża. Il-Kummissjoni impenjat ruħha biex tipproponi vjaġġar mingħajr viża għal soġġorni qosra (jiġifieri sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum), għall-persuni mill-Kosovo, fl-Unjoni Ewropea ladarba l-Kosovo jkun issodisfa r-rekwiżiti u l-miżuri l-oħra kollha stabbiliti fil-pjan direzzjonali dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża.

Il-Kummissjoni adottat erba' rapporti dwar il-progress tal-Kosovo fid-djalogu dwar il-viża: l-ewwel wieħed fit-8 ta' Frar 2013¹, it-tieni fl-24 ta' Lulju 2014²; it-tielet fit-18 ta' Diċembru 2015³, ikkumplimentati mir-raba' u l-aħħar wieħed adottat fl-4 ta' Mejju 2016⁴. Dawn ir-rapporti kienu jinkludu valutazzjoni dwar il-progress li għamel il-Kosovo biex jissodisfa l-95 punt ta' riferiment tal-pjan direzzjonali dwar il-viża, rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Kosovo u valutazzjoni tal-impatti potenzjali migratorji u tas-sigurtà bil-liberalizzazzjoni tal-viża.

Fl-4 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew li jneħħu r-rekwiżiti tal-viża għan-nies tal-Kosovo billi jittrasferixxu lill-Kosovo għal-lista ta' daww il-pajjiżi li ma jirrikjedux viża għal żjarat qosra fiż-żona Schengen⁵. Fil-proposta, il-Kummissjoni kkonfermat li l-Kosovo kien issodisfa r-rekwiżiti kollha tal-pjan direzzjonali lejn il-liberalizzazzjoni tal-viża, bir-rikonnoxximent li sal-jum tal-adozzjoni ta' din il-proposta mill-Parlament u l-Kunsill, il-Kosovo jkun irratifika l-ftehim tal-fruntieri/demarkazzjoni mal-Montenegro u jkun saħħaħ ir-rekord tiegħu fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, iż-żewġ punti ta' riferiment finali.

Wara r-ratifika tal-ftehim ta' demarkazzjoni tal-fruntieri mal-Montenegro mill-Assemblea tal-Kosovo fil-21 ta' Marzu 2018, bejn it-3 sal-4 ta' Mejju 2018 saret missjoni teknika lejn il-Kosovo biex tivvaluta l-progress dwar il-punti ta' riferiment, inkluż dwar il-punt ta' riferiment tar-rekord dwar il-livell għoli ta' każijiet ta' kriminalità organizzata u korruzzjoni. Saru

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

¹ COM (2013) 66 final.

² COM(2014)488 final.

³ COM(2015) 906 final, akkumpanjat minn SWD(2015) 706 final.

⁴ COM (2016) 276 final.

⁵ COM (2016) 277 final.

laqgħat mal-Prim Ministru, il-Ministru tal-Ġustizzja, il-Ministru tal-Integrazzjoni Ewropea u l-Ministru tal-Affarijiet Interni, kif ukoll mal-atturi ewlenin fil-qasam tal-istat tad-dritt, inklużi l-Kunsill tal-Prosekuzzjoni, il-Kunsill Ġudizzjarju u l-Pulizija tal-Kosovo. Il-Kummissjoni staqsiet ukoll dwar il-miżuri li qed jieħdu l-awtoritajiet tal-Kosovo biex jimmitigaw it-theddid migratorju u ta' sigurtà. Is-sejbiet tal-missjoni teknika, kif ukoll ħidma dettaljata fuq il-post u skambji ta' segwitu mal-awtoritajiet tal-Kosovo, jiffurmaw il-bażi ta' din il-valutazzjoni.

Mill-adozzjoni tar-Raba' rapport ta' progress f'Mejju 2016, il-Kosovo ħadem b'mod kontinwu biex isaħħaħ l-impenji tiegħu taħt l-erba' oqsma tal-Pjan Direzzjonali għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża dwar is-Sigurtà tad-Dokumenti; Fruntieri/Konfini u Ġestjoni tal-Migrazzjoni; Ordni Pubblika u Sigurtà; Drittijiet Fundamentali relatati mal-Libertà ta' Moviment. Billi tejjeb il-qafas legali tiegħu, il-Kosovo kompli jiżgura livell għoli ta' integrità u sigurtà tad-*data* personali. Il-Ministru għall-Intern kompli joħroġ dokumenti personali tal-ivvjaġġar bijometriċi li jinqraw mill-magni konformi mal-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u l-istandards tal-UE għal karatteristiċi tas-sigurtà u l-bijometriċi fid-dokumenti tal-ivvjaġġar. Kif diġà indikat fir-rapport annwali tal-2018 dwar il-Kosovo⁶, il-Kosovo allinja aktar il-qafas leġislativ tal-fruntieri/konfini tiegħu mal-acquis tal-UE. L-Istrateġija 2013-2018 u l-Pjan ta' azzjoni dwar il-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBM - Integrated Border Management) huma allinjati mal-kunċett tal-UE tal-2006 dwar l-IBM. F'Lulju 2017, ġie approvat pjan ta' azzjoni rivedut u evalwat mill-ġdid tal-IBM. L-Unità tal-Intelligence Konġunta, Riskju u Analiżi tat-Theddid fiċ-Ċentru Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Fruntieri tabbozza valutazzjonijiet tar-riskju kull xahar li jidentifikaw theddid li jinstab fir-reġjuni kollha li joperaw, kif ukoll jenfasizzaw l-azzjonijiet meħtieġa li jsiru biex jallewjaw it-theddid. Il-Kosovo allinja wkoll il-leġislazzjoni tiegħu dwar l-asil u l-migrazzjoni mal-acquis tal-UE u għamel progress ulterjuri sinifikanti biex itejjeb il-kooperazzjoni mal-Istati Membri dwar ir-riammissjoni u r-ritorn. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkomplu bl-ispeċjalizzazzjoni tagħhom biex jindirizzaw il-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin, id-drogi u t-terroriżmu. Il-forzi tal-pulizija huma mħarrġa tajjeb u għandhom il-kapaċità li jiġġieldu l-kriminalità organizzata, inkluż permezz ta' unitajiet speċjalizzati. Il-qafas legali tal-Kosovo huwa konformi mal-acquis tal-UE u mal-istrumenti internazzjonali kontra t-terroriżmu, inkluż fir-rigward tal-leġislazzjoni li tikkriminalizza l-fenomeni tal-ġellieda terroristi barranin. Il-Kosovo żied l-isforzi tiegħu biex jiġġieled it-terrożimu, inkluż permezz ta' miżuri biex jipprevjeni l-estremiżmu vjolenti u ġellieda terroristiċi domestiċi li jingħaqdu ma' kunflitti barra l-pajjiż. Eżempju ta' suċċess f'dan ir-rigward jidher permezz tal-arrest ta' diversi persuni sospettati minn terroriżmu fejn l-awtoritajiet tal-Kosovo kkooperaw mal-awtoritajiet tal-eżekuzzjoni tal-liġi mil-Albanija mill-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Eżempji ta' suċċess tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi twettqu wkoll fil-qasam tal-kriminalità organizzata, inkluż ma' diversi Stati Membri u l-Europol. Pereżempju, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ħadmu flimkien fil-21 ta' Marzu 2018 biex jarrestaw lil traffikanti tal-migranti li joperaw fil-Balkani tal-Punent. Is-Slovenja, il-Kosovo, il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt (EULEX) u l-Europol arrestaw lill-individwi bħala parti minn operazzjoni transfruntiera biex iżarmaw grupp ta' kriminalità organizzati bbażat fiż-żona.

Permezz ta' dan l-aġġornament tar-raba' rapport ta' progress, il-Kummissjoni tikkonferma li l-punti ta' riferiment kollha kif stabbiliti fl-Pjan Direzzjonali għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża huma ssodisfati.

⁶ SWD(2018) 156 final.

II. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAL-PUNTI TA' RIFERIMENT FINALI

1. Ftehim ta' demarkazzjoni tal-fruntieri mal-Montenegro

Fil-21 ta' Marzu 2018, wara iktar minn sentejn ta' diskussjonijiet politiċi domestiċi, l-Assemblea tal-Kosovo rratifikat il-Ftehim ta' Demarkazzjoni tal-Fruntieri (BDA) li kien ġie ffirmat mal-Montenegro f'Awwissu 2015, u b'hekk issodisfat wieħed miż-żewġ punti ta' riferiment pendenti għal-liberalizzazzjoni tal-viża. **Ir-ratifika kienet pass'il quddiem importanti, kif enfasizzat fir-rapport tal-2018 dwar il-Kosovo.**

2. Progress dwar ir-riżultati tal-punt ta' riferiment tar-rekord tal-korruzzjoni fuq livell għoli u l-kriminalità organizzata

L-aħħar punt ta' riferiment li fadal fil-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża jitlob lill-Kosovo jsaħħaħ ir-riżultati tal-investigazzjonijiet u s-sentenzi finali tal-qorti f'każijiet li jikkonċernaw il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni. Il-Kosovo implimenta qafas legali u operazzjonali sod biex jiġġielel il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u jindirizza r-riskji migratorji u ta' sigurtà. Dan ġie kkonfermat fir-rapporti annwali kollha tal-Kummissjoni – filwaqt li ġie deskritt li l-isfidi jibqgħu – l-iktar riċenti fir-rapport tal-2018 dwar il-Kosovo⁷. Il-progress dwar il-każijiet speċifiċi ta' livell għoli fir-rekord joffri ħarsa ġenerali tal-progress ġenerali tal-qafas kontra l-korruzzjoni fil-Kosovo, u joffri prospettivi dwar kif l-awtoritajiet jindirizzaw il-kriminalità organizzata ta' livell għoli u l-korruzzjoni.

2.1 *Struttura u żvilupp tar-rekord*

L-awtoritajiet tal-Kosovo ħadu passi preparatorji sostanzjali sabiex jissodisfaw il-kriterji ta' dan il-punt ta' riferiment.

L-ewwel nett, ġie żviluppat sett ta' kriterji biex jiġgwida l-għażla tal-każijiet rilevanti inklużi fir-rekord. Dawn il-kriterji, definiti fil-“Proċeduri Operattivi Standard (SOPs) dwar l-għażla tal-miri tad-delitti serji u l-Kooperazzjoni interistituzzjonali”, kienu adottati fis-18 ta' Lulju 2014 mill-Kunsill tal-Prosekuzzjoni tal-Kosovo. L-SOPs jispeċifikaw kriterji li każ irid jissodisfa biex jiżdied mar-rekord, bħal: in-natura serja tar-reat u l-valur tad-dannu kkawżat, il-livell organizzazzjonali tal-grupp kriminali involut, il-ħtieġa għall-koordinazzjoni tal-azzjonijiet investigattivi, il-ħtieġa li jiġu ġestiti r-riżorsi matul l-investigazzjoni, eċċ. (l-Artikolu 2 tal-SOP). Dan jippermetti li r-rekord jiffoka biss fuq daww il-każijiet li huma kkunsidrati l-aktar serji u rilevanti. Barra minn hekk, fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-Kunsill Ġudizzjarju tal-Kosovo (KJC) tat-30 ta' Diċembru 2015, il-każijiet magħżula rigward il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata għandhom jingħataw ukoll prijorità assoluta fil-qorti. Il-presidenti tal-Qorti kienu obbligati jassenjaw malajr każijiet bħal dawn lil imħallfin tal-każ, li jenħtieġ li jaġixxu dwarhom immedjatament. Il-presidenti tal-Qorti kienu obbligati wkoll jirrapportaw lill-KJC fuq bażi ta' kull xahar dwar il-progress f'dawn il-każijiet.

Barra minn hekk, **ġie stabbilit tim multidixxiplinarju biex jikkoordina b'mod effettiv l-immaniġġjar tal-każijiet magħżula speċifikament.** It-tim jinkludi membri tal-prosekuzzjoni, il-ġudikatura, il-pulizija, id-dwana, l-awtoritajiet tat-taxxa, l-Unità tal-Intelligence Finanzjarja, l-Aġenzia għall-Amministrazzjoni ta' Assi Sekwestrati u Kunfiskati, is-servizz korrettiv. Il-Kap tal-Uffiċju Prosekuttiv Speċjali tal-Kosovo (SPRK) huwa l-koordinatur tat-tim.

⁷ SWD (2018) 156 final.

Għall-finijiet tal-kejl tal-progress dwar dan ir-rekwiżit pendenti, fl-2015 il-**Kosovo stabbilixxa mekkaniżmu avanzat ta' intraċċar tal-IT**, li jippermetti l-koordinazzjoni u l-monitoraġġ ta' każijiet magħżula ta' korruzzjoni u kriminalità organizzata fl-istadji kollha tal-proċedimenti kriminali. Din is-sistema ta' ġestjoni tal-IT sofistikata, li l-membri kollha tat-tim multidixxiplinarju għandhom aċċess fi żmien reali għaliha, tobbliha lill-parteċipanti kollha fil-proċedura, li jvarjaw minn pulizija għal imħallfin, jimlew l-informazzjoni relatata mal-istadju tal-proċedimenti li huma involuti fiha.

2.2 Progress fir-rekord

Il-valutazzjoni tar-rekord dwar każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli u kriminalità organizzata hija ffokata fuq każijiet magħżula speċifikament li jinsabu fir-rekord. Il-Progress jitkejjel f'termini tal-għadd ta' każijiet li jgħaddu fil-katina tal-proċedura kriminali (l-investigazzjoni – il-prosekuzzjoni – il-qorti tal-ewwel istanza – il-qorti tat-tieni istanza – is-sentenza finali) Il-progress huwa muri wkoll mill-valur tal-assi preliminari u finalment konfiskati, li jkompli juri d-determinazzjoni tal-Kosovo biex jindirizza l-aspetti finanzjarji tad-delitti.

Fil-bidu, f'Mejju 2016, it-tim multidixxiplinarju ffoka fuq **31 każ**. Abbażi tal-SOPs deskritti hawn fuq, każijiet addizzjonali ġew miżjuda biex jaslu għal total ta' **42 mis-6 ta' Ġunju 2018**. Bħala tali, l-awtoritajiet għamlu progress tajjeb fl-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet addizzjonalit a' korruzzjoni ta' livell għoli u kriminalità organizzata fi ħdan limiti ċari kif stabbiliti mit-tim multidixxiplinarju.

Minn 42 każ, tressqu akkużi fi 33 każ, l-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin f'5 każijiet u 4 każijiet ġew miċħuda fil-fażi ta' qabel is-smigħ. Minn 33 każ, **23 każ** huma ffokati fuq il-korruzzjoni (**b'145 persuna akkużata**), u **10 każijiet** jindirizzaw il-kriminalità organizzata (**b'151 persuna akkużata**). B'mod ġenerali, il-każijiet speċifikati jinvolvu difensuri ta' profil għoli. Fost l-akkużati hemm pereżempju: żewġ Ministri, il-Kap tal-Kors ta' Rieżami tal-Prokura, tliet Segretarji Ġenerali ta' ministeri, erba' sindki, eks President tal-Qorti Kostituzzjonali, Membru tal-Parlament, President tal-Qorti u Prosekutur tad-Dipartiment tad-Delitti. **Il-valur totali tal-assi sekwestrati (jiġifieri assi li ġew konfiskati temporanjament iżda mhux finalment) huwa ta' €13,249,470.**

Minn 42 każ, 12 ġew finalizzati, li kollha huma mmirati lejn il-korruzzjoni. Kif muri fil-Figura 1, erba' każijiet ġew miċħuda matul l-istadju ta' qabel is-smigħ. **Tmien każijiet irċewew sentenza finali tal-qorti, li minnhom ħames każijiet spiċċaw f'kundanni u tliet każijiet spiċċaw f'liberazzjonijiet.**


Fil-ħames każijiet b'kundanni finali, disa' persuni ġew ikkundannati wara li l-proċeduri ta' appell kollha ġew eżawriti. Fost l-ikkundannati hemm prosekutur, sindku, difensur pubbliku ta' municiplità u ex President tal-Qorti Kostituzzjonali/rettur tal-Università. Sa issa, ma hemmx konfiski x'jiġu rrapportati.

Bħalissa, hemm 30 każ għaddej, li huma mmirati lejn 268 difensur fi stadji differenti: ħamsa jinsabu fil-fażi investigattiva, 15-il każ għadhom għaddejjin fl-ewwel istanza, seba' każijiet irċewew deċiżjoni tal-ewwel istanza u qed jistennew appell u tlieta rċewew deċiżjoni tat-tieni istanza u qed jistennew deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema.

Fuq il-bażi tad-*data* disponibbli, bħala medja, l-awtoritajiet joħorġu akkużi wara 18.5-il xahar ta' investigazzjonijiet għal każijiet inklużi fir-rekord. Verdetti tal-ewwel istanza jintlaħqu tipikament wara 16-il xahar, filwaqt li verdetti tat-tieni u t-tielet istanza (fejn applikabbli) jiġu

wara seba' u 10 xhur rispettivament. Għal każijiet magħluqa, bħala medja jieħdu 33,3 xahar biex jaslu għal deċizzjoni finali. **Mingħajr preġudizzju għall-akkumulazzjoni kumplessa tal-investigazzjonijiet u l-ħtieġa li jiġu rispettati s-salvagwardji ġudizzjarji, u filwaqt li kull każ għandu l-merti kumplessi tiegħu stess, jista' jintwera progress kostanti f'termini tal-każijiet li jimxu matul il-"katina tal-ġustizzja"** (jiġifieri l-investigazzjoni – il-prosekuzzjoni – l-aġġudikazzjoni – l-eżekuzzjoni tas-sanzjonijiet), għalkemm il-pass jista' jittejjeb iktar.

Figura 1: Ħarsa ġenerali lejn il-każijiet li jinsabu fir-rekord fl-istadji varji tagħhom matul il-katina tal-ġustizzja



2.3 Valutazzjoni tar-rekord

Abbażi tax-xogħol li twettaq mill-awtoritajiet tal-Kosovo, kemm rigward l-istruttura istituzzjonali u amministrattiva tal-mekkaniżmu tal-intraċċar tal-IT u t-tim ta' koordinazzjoni multidixxiplinari, kif ukoll rigward il-progress tad-diversi każijiet tul il-katina tal-ġustizzja, ġie osservat progress kostanti. L-awtoritajiet waqqfu sistema sofistikata tal-IT flimkien ma' proċeduri u prattiki ċari. Il-każijiet fil-mira għamlu progress 'il quddiem fir-rigward tal-indipendenza u l-proċess dovut, li wassal għal għadd ta' kundanni finali u żieda fl-ammont ta' akkużi u persuni mħarrka. L-ammont ta' assi konfiskati b'mod preliminari kompli jżied matul il-proċess.

Filwaqt li għad hemm lok għal titjib kontinwu, li l-Kosovo impenja ruħu għalih, **il-Kummissjoni issa tista' tikkonferma li l-awtoritajiet stabbilew u saħħew l-investigazzjonijiet fir-rekord u s-sentenzi finali tal-qorti f'każijiet li jikkonċernaw il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, filwaqt li b'hekk jissodisfaw il-valur referenzjarju.**

III. KUNTEST AKTAR WIESA' TAL-ISTAT TAT-DRITT

Filwaqt li l-Kosovo wettaq riżultati skont ir-rekord, huwa importanti li dawn jitqiegħdu f'kuntest iktar wiesa'. Il-Kosovo stabbilixxa qafas legali, istituzzjonali u ġuridiku fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, anki jekk l-isfidi jibqgħu. Barra minn hekk, il-Kosovo għaddej ukoll minn proċess kumpless ta' riforma leġiżlattiva li se jiffaċilita x-xogħol tal-awtoritajiet involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni u jwassal għal riżultati mtejba.

Apparti l-każijiet inklużi fis-sistema ta' rekords, diversi każijiet oħrajn ta' korruzzjoni u kriminalità organizzata huma indirizzati mill-awtoritajiet tal-Kosovo. Dawn jinkludu każijiet li qabel kienu jiġu mħarrka u aġġudikati mill-EULEX. Minħabba l-irtirar tal-missjoni mill-funzjonijiet eżekuttivi tagħha, il-każijiet li setgħu ma jkunux mitmuma mill-mandat attwali huma gradwalment fil-proċess li jiġu ttrasferiti lejn il-ġudikatura lokali. Dan il-proċess għadu għaddej. Hemm 45 każ ittrasferit fl-oqsma tal-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Il-mandat il-ġdid ta' EULEX jinkludi l-monitoraġġ ta' każijiet trasferiti lill-awtoritajiet lokali. L-UE, għalhekk, se jkollha l-mandat u r-riżorsi biex timmonitorja l-progress mill-qrib u b'mod sod, flimkien ma' aġġornamenti regolari mill-awtoritajiet lokali.

Żviluppi leġiżlattivi

Il-Kosovo diġà adotta diversi liġijiet importanti u diversi liġijiet oħrajn qed jiġu mħejjija. Dawn jimmiraw lejn aktar tisħiħ tal-qafas legali biex jiġġieldu kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. F'dan ir-rigward, fit-30 ta' Marzu 2018, ġew adottati żewġ liġijiet kruċjali mill-Assemblea:

- **Il-Liġi dwar il-Prevenzjoni ta' Kunflitti ta' Interess fir-Rilaxx ta' Funzjoni Pubblika**, li tiddefinixxi b'mod ċar ir-rwoli u l-attivitajiet permessi ta' uffiċjali pubbliċi sabiex jiġi evitat abbuż tal-uffiċċji u kunflitt ta' interess. Hija timmira li tiżgura t-trasparenza u r-regolarità tal-proċessi fl-amministrazzjoni pubblika li kienu vulnerabbli għall-korruzzjoni fil-passat, u
- **Il-Liġi dwar Prosekutur Statali**, li tippermetti reklutaġġ addizzjonali u bbażat fuq il-mertu ta' prosekuturi ġodda għall-Uffiċċju ta' Prosekuzzjoni Speċjali f'Kosovo, responsabbli mill-prosekuzzjoni tal-każijiet ta' livell għoli ta' kriminalità organizzata u korruzzjoni. Iż-żieda fl-għadd ta' prosekuturi motivati għall-għandha ttejjeb b'mod sinifikanti l-ħidma ta' din l-istituzzjoni, li sa issa kienet nieqsa mill-persunal. Ġew ippubblikat il-postijiet vakanti għall-ewwel rawnd ta' prosekuturi addizzjonali li jridu jiġu reklutati.

Xi biċċiet ta' leġiżlazzjoni ewlenin huma attwalment fi stadju avvanzat ta' tħejjija fil-gvern jew diġà qed jiġu diskussi fl-Assemblea. Huma jinkludu primarjament:

- **Il-Kodiċi Kriminali (CC)** rivedut, li ġie approvat mill-gvern f'April 2018 u issa qed jiġi diskuss fl-Assemblea, u l-**Kodiċi tal-Proċedura Kriminali** rivedut (CDC), li għadu qed jiġi mħejji. Iż-żewġ kodiċijiet riveduti se jinkludu bidliet importanti, inklużi limiti estenzi ta' żmien tal-investigazzjonijiet u dispożizzjonijiet estenzi dwar il-konfiska u dispożizzjonijiet biex rispettivament jissospendu (CPC) u jneħħu (CC) uffiċjali pubbliċi akkużati u kkundannati għal korruzzjoni. Dan tal-aħħar huwa rekwiżit tal-Aġenda ta' Riforma Ewropea, lista ta' riformi prijoritarji li l-Kosovo impenja ruħu li jieħu biex javvanza l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-UE.

- Il-gvern tal-Kosovo mexxa wkoll 'il quddiem pakkett ulterjuri ta' liġijiet kontra l-korruzzjoni, li jikkonsisti f'erba biċċiet ta' abbozzi leġislattivi: l-Abbozz tal-Liġi dwar l-Aġenzija Kontra l-Korruzzjoni, l-Abbozz tal-Liġi dwar id-Dikjarazzjoni tal-Assi. L-Abbozz tal-Liġi dwar is-Setgħat Estiżi għall-Konfiska se jkun ibbażat fuq id-Direttiva applikabbli tal-UE u se jkollu l-għan li jagħti lill-prosekuturi strument robust u effettiv biex iċaħħdu lill-kriminali minn ġid illeċitu. L-Abbozz tal-Liġi dwar l-Informaturi iqiegħed fis-seħħ mekkaniżmi konkreti mfassla biex jipproteġu lill-informaturi kemm fis-setturi pubbliku kif ukoll f'dak privat, filwaqt li b'hekk jappoġġaw il-għieda kontra l-korruzzjoni. Kemm l-Abbozz tal-Liġi dwar l-Informaturi u l-Abbozz tal-Liġi dwar is-Setgħat Estiżi għall-Konfiska ġew approvati mill-gvern u mibgħuta lill-Assemblea fit-12 ta' Ġunju 2018. Il-ħidma fuq iż-żewġ abbozzi ta' liġijiet li fadal għadha għaddejja.

F'Marzu 2018, il-gvern adotta l-Istrateġija ġdida komprensiva u l-Pjan ta' Azzjoni kontra l-Korruzzjoni 2018-2020.

Matul l-2017, imħallfin Serbi tal-Kosovo, prosekuturi u l-persunal amministrattiv tagħhom fit-Tramuntana tal-Kosovo ġew integrati skont is-sistema Ġudizzjarja tal-Kosovo, skont il-Ftehim ta' Ġustizzja tal-2015 ffaċilitat mill-UE. Din il-kisba se tippermetti impatt pożittiv fuq l-applikazzjoni konsistenti tal-liġi madwar il-Kosovo.

IV. VALUTAZZJONI TA' RISKJI MIGRATORJI U TA' SIGURTÀ AKTAR WESGĦIN

Kundizzjoni sottostanti tal-proċess tal-liberalizzazzjoni tal-viża hija l-iżgurar ta' ambjent migratorju u ta' sigurtà ġestit tajjeb u stabbli.

Sitwazzjoni tal-migrazzjoni

Fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-migrazzjoni, il-Kosovo sa issa għadu barra mill-flussi migratorji ewlenin matul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent. Ġie osservat li għadd żgħir ta' migranti mill-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Albanija jkomplu l-vjaġġ tagħhom billi jgħaddu mill-Kosovo, segwit bi dħul fis-Serbja fiż-żona ta' Novi Pazar. Addizzjonalment, ċittadini Iranjani dahlul l-Balkani tal-Punent f'numri notevoli, fejn ġeneralment jiġu mingħajr viża mis-Serbja fejn jaslu bl-ajru.

L-għadd ta' persuni li jfittxu asil li jiġu l-Kosovo jibqa' stabbli u baxx, għalkemm żdied ftit bejn Jannar u Mejju 2018 (b'86 każ irreġistrat, li jinkludu 36 każijiet ta' ċittadini Torok b'permessi regolari li talbu asil fil-Kosovo). Il-maġġorparti tal-migranti jużaw il-Kosovo għal waqfiet qosra qabel jimbarkaw fuq il-vjaġġi tagħhom, possibilmement bl-għajnuna ta' networks tal-kuntrabandu.

L-għadd ta' talbiet għall-asil fil-Kosovo naqas minn 307 fl-2016 għal 147 fl-2017. Il-maġġorparti tat-talbiet għal asil ġew sospiżi peress li l-applikanti għall-asil jisparixxu mingħajr ma jtemmu l-proċedura. Fl-2017, 2 applikanti rċewew protezzjoni sussidjarja. Abbażi tan-nazzjonalità: L-ikbar għadd ta' persuni li jfittxu asil huwa mill-Afganistan (44 persuna jew 35,8 %); segwit mis-Sirja (23 persuna jew 18,7%), il-Libja (16-il persuna jew 13%), l-Alġerija (14-il persuna jew 11,4%), il-Pakistan (11-il persuna jew 8,9%) u pajjiżi ta' oriġini oħrajn (15-il persuna jew 12,2%).

Fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-qafas legali fil-Kosovo huwa ġeneralment konformi mal-leġislazzjoni tal-UE. Il-qafas legali f'dan il-qasam jinkludi l-Liġi dwar ir-

Riammissjoni, il-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza, il-Liġi dwar il-Barranin, il-Liġi dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin u l-Protezzjoni tal-Vittmi tat-Traffikar, u l-Liġi dwar l-Asil, u l-leġiżlazzjoni sekondarja li toriġina minn dawn il-liġijiet (*ara l-Anness I għal iktar informazzjoni*). Sabiex jindirizza r-riskji migratorji, jenħtieġ li l-Kosovo jkompli jallinja l-politika tiegħu dwar il-viża mal-acquis tal-UE.

Il-Kosovo stabbilixxa wkoll l-Awtorità tal-Gvern dwar il-Migrazzjoni, bħala korp ta' kooperazzjoni interistituzzjonali li huwa responsabbli mill-monitoraġġ tal-flussi migratorji u li jipprovdi evidenza msejsa fuq rakkomandazzjonijiet ta' politika lil istituzzjonijiet rilevanti u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni. Sa issa, dan il-korp abbozza ħames profili tal-migrazzjoni u attwalment qed jabbozza Profil tal-Migrazzjoni "Light" (ħafif) b'*data* mill-2017 kif ukoll il-Profil tal-Migrazzjoni Estiż li se jservi addizzjonalment bħala dokument ewlieni għall-abbozzar tal-Istrateġija dwar il-Migrazzjoni 2019-2024.

Ir-Rapport tal-2018 dwar il-Kosovo jirrikonoxxi li sar progress fil-ġestjoni tal-migrazzjoni regolari u irregolari. Fl-2018, il-Kosovo emenda u adotta l-qafas legali tiegħu dwar il-migrazzjoni, bħal-Liġi dwar l-Asil, il-Liġi dwar il-Barranin, u l-Liġi dwar l-emenda tal-Liġi dwar il-Kontroll u s-Sorveljanza tal-Fruntiera tal-Istat, f'konformità mad-Direttivi tal-UE emendati riċentement fil-qasam tal-Asil, il-Migrazzjoni u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Meħuda flimkien, it-tliet liġijiet ikomplu jiżguraw l-allinjament tal-acquis tal-UE, u jsaħħu l-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-Kosovo. (*ara l-Anness I għal aktar informazzjoni*).

Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet tal-Kosovo għamlu t-tnejn meħtieġa f'każ li r-rotot migratorji jinbidlu. Riżultat ta' dan, Pjan ta' Kontinġenza għall-Ġestjoni ta' Influss Potenzjali ta' Rifugiati u Migranti ġie abbozzat fl-2015 u aġġornat fl-2017, ġew nominati l-Koordinaturi tal-ġestjoni ta' dan l-influss u ġie stabbilit il-grupp li jġestixxi s-sitwazzjoni. L-għan ta' din il-Pjan huwa li jiġi ġestit il-fluss potenzjali ta' rifugiati u migranti: huwa jistabbilixxi l-partijiet ikkonċernati, inklużi l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjoni, jiddeskrivi s-sitwazzjoni migratorja attwali, jiċċara l-proċeduri ta' reġistrazzjoni u jikkunsidra kwistjonijiet bħal ħtiġijiet bażiċi, xelter, sigurtà, saħħa u edukazzjoni għar-rifugiati u l-migranti. L-istituzzjonijiet tal-Kosovo żviluppaw dan il-Pjan f'konsultazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet lokali u internazzjonali.

Kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni

Fir-rigward tal-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' migrazzjoni, il-Kosovo kompli jinnegozja ftehimiet ta' riammissjoni mal-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi ta' tranżitu ewlenin u l-pajjiżi ta' oriġini ta' migranti irregolari. Sa issa, il-Kosovo iffirma 22 ftehim (ma' 24 pajjiż, inklu 18-il Stat Membru, 2 Stati Assoċjati, 3 pajjiżi tal-Balkani tal-Punent - l-Albanija, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Montenegro - u t-Turkija). Minbarra dan, il-Kosovo ppropona li jniedi negozjati ta' ftehim ta' riammissjoni lil sitt Stati Membri tal-UE addizzjonali: ir-Renju Unit, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Latvja, il-Polonja u l-Portugall. Intbagħtu wkoll talbiet lill-Afganistan, Cote d'Ivoire u l-Pakistan (*ara l-Anness 2*). **B'mod ġenerali, il-ftehimiet ta' riammissjoni fis-seħħ qed jiġu implimentati bla xkiel. Il-proċeduri ta' riammissjoni ma jgħallqu l-ebda komplikazzjoni serja, u l-awtoritajiet tal-Kosovo jwettqu talbiet ta' riammissjoni fil-pront u effettivi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet li ffirmaw il-ftehim.**

Il-Kosovo ffirmaw arranġamenti ta' ħidma mal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Aġenzija EBCG) fil-25 ta' Mejju 2016. L-arranġament ta' ħidma jippermetti skambji ta' informazzjoni, operazzjonijiet konġunti, taħriġ u riċerka u żvilupp. Il-Pulizija tal-Fruntieri tal-

Kosovo tikkondividi *data* b'mod regolari fuq bażi ta' kull ġimgħa, kull xahar, biannwali u annwali mal-Aġenzija EBCG)

Miżuri fis-seħħ biex jipprevjenu l-abbuż potenzjali ta' skema mingħajr viża

Wara fluss kbir ta' persuni li ħallew il-Kosovo permezz ta' rotot irregolari matul it-tieni nofs tal-2014 u l-kmieni fl-2015, l-istituzzjonijiet tal-Kosovo, inklużi l-Presidenza, l-Assemblea, il-gvern u l-awtoritajiet lokali ġabru flimkien l-isforzi tagħhom fil-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari.

L-awtoritajiet organizzaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni bil-għan li jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari u adottaw leġislazzjoni ġdida bil-għan li tipprevjeni l-migrazzjoni irregolari billi ttaffi l-problemi finanzjarji u ekonomiċi li jiffaċċjaw iċ-ċittadini, peress li l-fattur l-aktar sinifikanti għal dan il-fluss kbir ta' migranti kien id-diffikultà ekonomika, u **sforzi akbar kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali** (twettqu 21 operazzjoni, li rriżultaw fi 86 persuna arrestata). Barra minn dawn il-miżuri, il-Pulizija tal-Kosova żiedet l-għadd ta' verifiki fil-fruntieri fil-punti kollha ta' qsim tal-fruntiera, f'konformità mad-drittijiet fundamentali, bl-użu tal-profilu ta' passiġġieri bbażati fuq l-analiżi tar-riskju r-rapportoi tal-valutazzjoni tat-theddid. Il-Kosovo intensifika l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet Serbi u Ungeriżi u ma' Stati Membri oħra tal-UE sabiex jipprevjeni l-migrazzjoni irregolari ta' ċittadini tal-Kosovo, kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi. **Il-Pulizija tal-Kosovo se tkompli twettaq verifiki sistematiċi mal-ħruġ f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera** (sabiex tiġġustifika l-mezz ta' vjaġġar), u żżid il-kooperazzjoni tagħha mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE fl-iskambju ta' informazzjoni (dwar l-abbuż ta' vjaġġar mingħajr viża u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali).

Riżultat ta' dawn l-isforzi, l-għadd ta' applikazzjonijiet għal asil minn ċittadini tal-Kosovo li jaslu fl-UE naqas b'mod sinifikanti, b'36% minn 11,675 fl-2016 sa 7,410 fl-2017 u b'90% jekk inqabblu d-*data* tal-2015 ma' dik tal-2017 (72,480 fl-2015). Id-*data* disponibbli bejn Jannar – Marzu 2018 tkompli t-tendenza ta' tnaqqis preċedenti b'1,580 persuna li tfittex asil. Id-*data* ta' ritorn żdiedet kontinwament, minn 38,1 % fl-2014 sa 96,3 % fl-2016. Fl-2017, ir-rata ta' ritorn naqset f'tit sa 85,9 %.

Barra minn hekk, b'antiċipazzjoni tal-liberalizzazzjoni tal-viża, **l-awtoritajiet tal-Kosovo (il-Ministeru tal-Integrazzjoni Ewropea, il-Ministeru għall-intern u l-Pulizija tal-Kosovo) attwalment qed jimplimentaw aktar kampanji ta' sensibilizzazzjoni komprensivi fil-muniċipalitajiet kollha tal-Kosovo bil-għan li jinformaw liċ-ċittadini dwar id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn vjaġġar mingħajr viża.**

Sitwazzjoni tas-sigurtà

Is-sitwazzjoni tas-sigurtà ġiet analizzata b'mod estensiv bħala parti mir-rapport tal-2018 dwar il-Kosovo. Rigward il-kriminalità organizzata, l-iżviluppi ġew diskussi hawn fuq.

Rigward it-traffikar tal-bnedmin, l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni 2015-2019 huma fis-seħħ, bil-prijorità dwar il-prevenzjoni u t-traffikar ta' benedmin, il-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi u x-xhieda, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' traffikar u l-protezzjoni tat-tfal. Il-leġislazzjoni hija allinjata mad-Direttiva tal-UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar ta' benedmin u l-protezzjoni tal-vittmi, għalkemm l-implimentazzjoni tista' tittejjeb. Il-Kosovo huwa post ta' orġini, ta' tranżitu u destinazzjoni tal-vittmi tat-traffikar ta' benedmin, speċjalment għal sfruttament sesswali. Fl-2017, ġew identifikati 32 vittma ta'

traffikar, 25 minnhom ġew assistiti f'xelters rispettivi għar-riintegrazzjoni u riabilitazzjoni u ġew seba' vittmi potenzjali ġew trattati.

Dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija, fir-rigward tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni ffirmati fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, il-Kosovo għandu 30 ftehim fis-seħħ mal-Albanija, l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja, inklużi ftehimiet dwar it-twaqqif ta' ċentri ta' kooperazzjoni tal-pulizija konġunti mal-Albanija u l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja rispettivament, kif ukoll il-Protokoll għat-Twaqqif ta' Ċentru Trilaterali fi Plava bejn il-Kosovo, l-Albanija u l-Montenegro. Il-Pulizija tal-Fruntieri ħatret punti fokali inkarigati mill-kooperazzjoni internazzjonali. Ftehimiet ta' patrollaġġ konġunt mal-Albanija, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Montenegro huma fis-seħħ, u attivitajiet bħal dawn jitwettqu regolarment. Fl-aħħar nett, fil-25 ta' Mejju 2016, il-Ministeru għall-Intern ffirmat arranġamenti ta' ħidma mal-Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għat-twaqqif ta' kooperazzjoni internazzjonali bejn l-Aġenzija u l-Ministeru.

B'kollox, il-Ministeru għall-Intern (MIA) għandu 30 ftehim dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija u disa' ftehimiet dwar kooperazzjoni operazzjonali ma' 18-il pajjiż fis-seħħ, li tlieta minnhom huma multilaterali. Barra minn hekk, l-MIA iffirma 10 ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' EULEX. (Ara l-Anness 3 għal ħarsa ġenerali lejn il-ftehimiet internazzjonali kollha dwar il-kooperazzjoni bejn il-pulizija u transfruntiera).

Il-Kosovo għandu qafas legali komprensiv li jkopri l-aspetti kriminali kollha relatati mat-**terroriżmu**. Il-qafas legali tal-Kosovo huwa konformi mal-acquis tal-EU u mal-istrumenti internazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Hemm firxa ta' artikli fil-Kodiċi Kriminali tal-Kosovo li jitrattaw it-terroriżmu u liġi speċjali dwar il-projbizzjoni li wieħed jingħaqad ma' kunflitti armati barra t-territorju statali tiegħu hija fis-seħħ (approvata fl-2015). Il-Kosovo huwa wkoll membru tal-Koalizzjoni Globali biex Tegħleb l-ISIS.

L-awtoritajiet tal-Kosovo għamlu distinzjoni ċara bejn il-ġlieda kontra t-terroriżmu (CT - counterterrorism) u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra attivitajiet ta' estremiżmu vjolenti (P/CVE). L-awtoritajiet qed jimplimentaw żewġ strateġiji separati u pjanijiet ta' azzjonijiet. L-istrateġija P/CVE ġiet adottata fl-2015 u se tkun fis-seħħ sal-2020. L-istrateġija CT hija konformi mal-istrateġija kontra t-terroriżmu tal-UE u se tkun valida mill-2018-2022. **Il-Kosovo żied l-isforzi tiegħu biex jiġġielew it-terroriżmu, inklużi l-miżuri biex jipprevjeni l-estremiżmu vjolenti u ġellieda terroristiċi domestiċi li jingħaqdu ma' kunflitti barra l-pajjiż.**

L-għadd ta' ċittadini mill-Kosovo li impenjaw ruħhom f'kunflitti fis-Sirja/l-Iraq żdied b'mod kostanti (bejn l-2012-2016, huwa stmat li 359 ċittadini tal-Kosovo - 255 raġel, 49 mara u 55 tifel/tifla telqu għal żoni ta' kunflitt fil-Lvant Nofsani bħala ġellieda terroristiċi barranin b'41 tifel/tifla addizzjonali mwielda fiż-żona ta' kunflitt), u fl-2017 ma kienx hemm każijiet ġodda rapportati. 133 ċittadini tal-Kosovo rritornaw, 74 mietu u 195 baqgħu fiż-żona ta' kunflitt (59 raġel, 41 mara u 95 tifel/tifla). **L-infurzar tal-liġi u l-isituzzjonijiet ġudizzjarji tal-Kosovo jkomplu jirrispondu b'mod sod għat-theddid terroristiku.** Il-pulizija arrestaw għadd sostanzjali ta' nies li nġhaqdu ma' gruppi terroristiċi involvuti f'kunflitti barra l-pajjiż jew li bi ħsiebhom jagħmlu dan. Eżempju ta' suċċess tal-kooperazzjoni reġjonali f'Novembru 2016 wassal għall-arrest ta' 18-il persuna sospettati ta' terroriżmu mill-Pulizija tal-Kosovo. Huma kienu allegatament qed jipplanaw li jwettqu attakki terroristiċi kkoordinati fl-Albanija, fl-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u fil-Kosovo.

L-awtoritajiet abbozzaw **Pjan Strateġiku għall-Ġlieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti fil-Ħabsijiet** adottat fi Frar 2018. Minkejja dawn l-isforzi, l-awtoritajiet jibqgħu jħabbtu

wiċċhom bl-isfida tal-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni. Dan huwa meġġun parzjalment minn finanzjament minn organizzazzjonijiet barranin li jippridkaw ideoloġiji estremisti. Minkejja dan, mill-2016, l-awtoritajiet bnew rekord ċar f'każijiet relatati mat-terroriżmu (*Ara l-anness 4 għal deskrizzjoni sħiħ tal-aktar każijiet u avvenimenti importanti*).

V. KONKLUŻJONI

Permezz tar-ratifika tal-ftehim ta' demarkazzjoni tal-fruntieri mal-Montenegro fil-21 ta' Marzu 2018 u t-twaqqif u t-tisħiħ kontinwu tar-rekord, **il-Kummissjoni tikkonferma li l-Kosovo ssodisfa żewġ punti ta' riferiment pendenti. Il-Kummissjoni tikkonferma wkoll li l-punti ta' riferiment kif stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża, li ġew ikkunsidrati sodisfatti fl-2016, jibqgħu jiġu ssodisfatti.** Għalhekk, tirrakkomanda lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew jimxu 'l quddiem bil-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Mejju 2016⁸.

L-implimentazzjoni li għaddejja bħalissa mill-Kosovo tar-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-erba' blokok tal-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża, se tiġi monitorjata, ladarba l-liberalizzazzjoni tal-viża tiġi adottata, permezz tal-qafas tal-**monitoraġġ u ta' rapportar tal-mekkaniżmu tas-sospensjoni tal-viża**, permezz tal-**proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni** (li qed jiġi implimentat ukoll permezz tal-Aġenda ta' Riforma Ewropea) u, jekk meħtieġ, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu *ad hoc*. Jenħtieġ li l-Kosovo jiżgura li jibqgħu fis-seħħ miżuri effettivi biex jipprevjenu abbuż potenzjali mis-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża. Jenħtieġ li l-Kosovo jkompli jorganizza **kampanji ta' informazzjoni mmirati** dwar id-drittijiet u l-obbligi ta' vjaġġar mingħajr viża lejn iż-żona Schengen u dwar ir-regoli rigward l-aċċess għas-suq tax-xogħol fl-UE.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja b'mod attiv l-iżvilupp tar-rekord fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni kif ukoll l-issodisfar kontinwu tal-punti ta' riferiment kollha.

⁸ COM (2016) 277.